# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-1 ta' Marzu, 2023

Avviz tat-Talba numru:: 196//2022 CL

**Smart Technologies Ltd (C43711)**

**vs**

**Sea Port Franchising Limited (C26395)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fl-4 ta' Lulju 2022 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tas-socjeta konvenuta, li kienet pprovdiet diversi servizzi teknici lis-socjeta konvenuta, ghal-liema servizzi s-socjeta attrici harget numru ta' fatturi fl-ammont totali ta' elfejn, hames mija u tmienja u tletin euro u tmintax-il centezmu (€2,538.18). Illil minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut hawn fuq indikat, inkluz permezz ta' ittra ufficjali 166A datata 4 ta' Mejju 2022 bin-numru 938//2022 baqghet inadempjenti. Ghaldaqstant talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarata debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta' (€2,538.18). Tordna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' (€2,538.18) bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 938/22 datat 4 ta' Mejju 2022.

Ra r-risposta li giet pprezentata mis-socjeta konvenuta fis-16 ta'Awwissu 2021, fejn sostniet illi preliminarjament illi l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti u/jew parti minnu, huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kapitoli 16, tal-Ligijiet ta' Malta; Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta konvenuta ma inkarigatx lis-socjeta rikorrenti sabiex tipprovdi s-servizzi in kwistjoni. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi allegazzjoni tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Salv ecccezzjonjiet ohra.

In vista tal-eccezzjonijiet preliminarji mressqa mill-konvenuta t-Tribunal ordna l-inverzjoni tal-provi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2022, xehed David Debono li huwa wiehed mid-diretturi tas-socjeta konvenuta, li xehed illi s-socjeta konenuta ma kinitx

debitrici tas-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta iddikjarat illi ghalqet il-provi.

Fit-30 ta' Novembru 2022 rega' xehed David Debono din id-darba prodott mis-socjeta attrici. Xehdet Joanne Gauci in ezami u in kontro ezami. Fil-5 ta' Dicembru rega' xehed David Debono ri prodott mis-socjeta attrici u saret ukoll it-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni fejn skond is-socjeta konvenuta hemm il-fatturi kollha jew numru ta' fattura li gew ipprezentati mis-socjeta attrici li huma preskritti a terminu tal-Artikolu 2148A u 2149C. Dan minhabba li s-servizzi li ipprovdiet s-socjeta attrici huma ta' natura teknici jew servizz provdut minn persuna tas-sengha jew professjonist. Is-socjeta attrici min-naha taghha sostniet li t-talbiet m'humiex preskritti stante li din hija talba ghal hlas ta' kreditu ta' natura kummercjali u allura tapplika l-artikolu 2156F fejn il-preskrizzjoni hija ta' hames snin. It-tribunal ra l-artikoli 2148a u 2149c

*2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' tmintax-il xahar:(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi,bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika,għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*

*2149. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjonibl-egħluq ta' sentejn: (ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara,arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiettagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;*

Ra ukoll is-senteza tal- **Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) Imhallef Anthony Ellul Appell numru: 547/2012AE Matsurv & Associates Limited Vs Jamar Limited** deciza gil-**25 ta' Mejju 2016 fejn il-Qorti qalet;**

*Il-qorti ma taqbilx. L-attrici mhi tezercita l-ebda professjoni. Hi socjeta kummercjali. Il-professjonist u l-persuna li tezercita arti liberali ohra, huma persuni fizici. L-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili jitratta l-azzjoni li ssir mill-professjonist u l-persuna li tezercita arti liberali. Huma l-impjegati tal-attrici, cjoe' l-land surveyors li fizikament jaghmlu x-xoghol, li huma l-professjonisti. Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in ezami u ghalhekk (ara wkoll sentenza ta' din il-qorti, Advantage Solutions Limited vs Melita Marine Ltd tas-16 ta' Marzu 2016).*

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**